**Kontinwazzjoni tal-Laqgħa Nru 24 tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li reġgħet ġiet imsejħa għal nhar it-Erbgħa 25 ta' Frar fit-8.15 p.m.wara li kienet ġiet sospiża nhar it-Tlieta 6 ta' Jannar 2009.**

Is-Sindku mexxa il-laqgħa tal-kunsill.
Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana | 8.15 p.m. | 9.00 p.m. |
| Viċi Sindku Josette Agius Decelis | 8.35 p.m. | 9.05 p.m. |
| Kunsillier Joseph Demartino | 8.15 p.m. | 9.05 p.m. |
| Kunsillier Mario Sammut | 8.15 p.m. | 9.05 p.m. |
| Kunsillier Shirley Farrugia | 8.30 p.m. | 9.05 p.m. |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 8.30 p.m. | 9.05 p.m. |
| Kunsillier Paul Agius | 8.15 p.m. | 9.05 p.m. |
| Kunsillier Kirby Fenech | 8.15 p.m. | 9.05 p.m. |
| Kunsillier Christopher Grech | 8.15 p.m. | 9.05 p.m. |
| Kunsillier John Mary Camilleri | 8.36 p.m. | 9.05 p.m. |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | 8.30 p.m. | 9.05 p.m. |

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa li bdiet fit-8.30 p.m.

Kienu mistednin jattendu l-laqgħa is-sinjura Romina Perici Ferrante l-accountant tal-Kunsill u l-Perit Maurice Galea, Konsulent tal-Kunsill iżda dan ta' l-aħħar informa lis-Segretarju li ma jistax jattendi.

Fil-bidu tal-laqgħa s-Sindku, talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jagħti il-kondoljanzi lis-Sur Joe Demartino wara l-mewt ta' missieru. Is-Sur Demartino irringrazzja l-Kunsill kollu, lis-Segretarju u l-istaff tas-solidarjeta li wrew miegħu u mal-familja tiegħu.

Meta kompliet il-laqgħa is-Sur Joe De Martino fakkar li din kienet kontinwazzjoni tal-laqgħa tas-6 ta' Jannar u għalhekk insista li jittieħed vot fuq il-proposta li kien poġġa huwa eżatt qabel waqfet dik il-laqgħa.

Is-Sindku qal li huwa jrid jerġa jpoġġi proposta li l-kuntratt jingħata kif kien ġie propost mill-*Adjudicating Committee*. Huwa qal ukoll li huwa jħossu mhedded billi xi kuntrattur li għandu interess fit-tender kien ċempel lill-żewġ Kunsilliera sabiex dawn jivvotaw kontrih (Sindku). Huwa qal li dan għandu jiġi rapurtat lill-awtoritaijiet għaliex hemm il-provi li dan sar u talab lis-Segretarju sabiex jagħmel rapport. Is-Segretarju wieġeb li huwa kien qed jieħu l-minuti ta' dak li kien qed jgħid is-Sindku iżda huwa l-Kunsill li għandu jiddeċiedi jekk jittieħdux xi passi oħra jew le. Is-Sindku qal li f'dak il-każ kien ser jirraporta hu stess fuq bażi personali.

Is-Sur Demartino insista li huwa kien fil-pussess tal-laqgħa xħin din ġiet sospiża u għalhekk kien imiss li jittieħed vot fuq il-proposta tiegħu.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li huwa kien ħa parir mid-Dipartiment fejn qalulu li la darba l-proposta tal-*adjudication committee* ma għaddietx wara l-votazzjoni tas-6 ta' Jannar, kull Kunsillier kien liberu li jagħmel proposta u jekk jkun hemm sekondant jittieħed vot fuq il-proposta. Dan jista jerġa jsir sakemm il-kwistjoni tiġi deċiża bil-maġġoranza tal-voti.

Is-Sindku aċċetta li l-ewwel jittieħed il-vot fuq il-proposta tas-Sur Demartino. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa jekk kienx hemm sekondant għal proposta tas-Sur Demartino. Issekondat id-dottoressa Shirley Farrugia u għalhekk il-proposta tpoġġiet għal vot . Din kienet tgħid:

**" Li t-Tender No KLM 04/08 *The Construction of footpaths and culverts and other various works in Mosta* għandu jingħata lill-Kumpanija V&C Contractors Ltd.**

Meta ittieħed il-vot ir-riżultat kien 6 voti favur u 5 kontra.

Dawk **FAVUR** kienu Joseph De Martino, Shirley Farrugia, Marthese Mifsud, John Mary Camilleri, Nicola Fenech Adami u Chris Grech.

Dawk **KONTRA** kienu Sindku Paul Chetcuti Caruana,Viċi Sindku Josette Agius Decelis, Paul Agius Mario Sammut u Kirby Fenech.

Il-proposta għaddiet.

Hawn is-Sindku qal li huwa kellu dritt tal-*casting vote* (it-tieni vot). Kemm is-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll il-Kunsilliera spjegaw li dan ma kienx każ ta' *casting vote* għaliex il-vot kien ċar 6 kontra 5. Il-*casting vote* jintuża biss meta l-voti jiġu ndaqs.

F'dan il-ħin is-Sindku ħareġ barra mill-kamra. Is-Segretarju Eżekuttiv stieden lill-Viċi Sindku, is-Sinjura Josette Agius Decelis sabiex tkompli tmexxi il-laqgħa izda hija irrifjutat. Is-Segretarju staqsa lill l'aktar membru anzjan fost il-Kunsilliera, is-Sur Paul Agius jekk riedx jkompli jmexxi l-laqgħa hu iżda dan ukoll irrifjuta. Għalhekk is-Segretarju Eżekutiv iddeċieda li l-laqgħa għandha tieqaf hemm u titkompla darba oħra wara li huwa ġibed l-attenzjoni ta' dawk preżenti li kien hemm kwantita kbira ta' korrispondenza, deċiżjonijiet u materji finanzjarji li għandhom bżonn risposta jew deċiżjoni tal-Kunsill u li issa l-Kunsill kien ilu xhur ma jieħu dawn id-deċiżjonijiet.

Il-laqgħa waqfet fid-9.05 ta' filgħaxija.

Dott Paul Chetcuti Caruana
Sindku

John J. Camilleri
Segretarju Eżekuttiv